FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Ottubru, 2001

**Numru 6**

**Avviz. numru 814/01JR**

**Media Link Communications**

**vs**

**Adesso Moda Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Awissu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija sitta u sittin lira Maltija u hamsa u tletin centezmu (Lm166.35), rapprezentanti prezz ta' reklamar fuq il-media tas-socjeta` attrici minnu ordnat u mhux imhallas kif jidher mill-istatement anness immarkat Dok.A.**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-invoice kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentanti taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata baqghet ma pprezentatx risposta fir-rigward u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Ra n-nota prezentata mis-socjeta` attrici fis-16 ta' Ottubru, 2001 li biha cediet s-sorte pero` zammet ferm il-kap ta' l-ispejjez. Ha konjizzjoni tad-dokument esebit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte, jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ispejjez ta' dina l-istanza.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**